**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT**
**DR RACHEL MONTEBELLO B.A. LL.D.**

**Kumpilazzjoni Numru 1278/2010**

**Il-Pulizija**
**(Assistent Kummissarju Ian Abdilla)**

**-Vs-**

**NICOLA FARRUGIA**
(I.D. 319260M)

**Illum, 1 ta' Lulju 2021**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjoni miġjuba kontra **NICOLA FARRUGIA** detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 319260M.

Akkuzat talli f'Jannar 2010 u fis-snin ta' qabel b'mezzi kontra l-liġi jew billi għamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqeda b'qerq ieħor, ingann, jew billi wera ħaġa b'oħra sabiex iġiegħel jitwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz, jew ta'

ħila jew setgħa fuq ħaddieħor jew krediti immaġinarji, jew sabiex iqanqal tama jew biża' dwar xi ġrajja kimerika, għamel qligħ b'qerq ta' aktar minn elfejn, tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37), għad-dannu ta' Silvio Demicoli u Christopher Sammut.

Il-Qorti hija ġentilment mitluba sabiex fil-każ ta' ħtija, barra li tinfliġġ il-peni stabbilit mil-Liġi, tordna wkoll il-konfiska ta' l-oġġetti kollha esebiti.

Il-Qorti hija wkoll ġentilment mitluba sabiex f'każ ta' ħtija tikkundanna lill-akkużati għal ħlas ta' spejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri.

**Il-Qorti**

Rat illi l-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta b'effett mis-16 ta' Lulju 2018;

Rat it-traskrizzjonijiet tad-depozizzjonijiet tax-xhieda li xehdu quddiem il-Qorti diversament preseduta;

Semghet ix-xhieda u rat il-provi u d-dokumenti kollha;

Rat li giet ezentata mill-partijiet milli terga' tisma' x-xhieda li kienu xehdu quddiem il-Qorti diversament preseduta;

Rat in-nota tas-27 ta' Gunju 2018[1] tal-Avukat Generali li permezz taghha baghat lill-imputat sabiex jigi aggudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub:-

1. fl-artikoli 17, 18 u 31 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

[1] Fol 179.

2. fl-artikolu 308 u 309 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
3. fl-artikolu 310(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
4. fl-artikolu 23 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
5. fl-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat illi fis-seduta tad-9 ta' Novembru 2020 l-imputat fil-prezenza tal-avukat tieghu ddikjara li m'ghandux l-ebda oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bil-procedura sommarja.

Rat l-atti kollha.

Semghet it-trattazzjoni finali tal-Prosekuzzjoni u tad-difiza fl-udjenza tal-15 ta' Ottubru 2020;

Rat illi l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza;

Ikkunsidrat;

L-imputat jinsab akkuzat bir-reat ta' frodi, liema reat jinsab prospettat fl-Artikolu 308 u l-Artikolu 309 tal-Kodici Kriminali.

Mill-provi li johrogu mill-atti tal-kawza jirrizulta illi l-imputat ikkonkluda konvenju ghall-bejgh ta' proprjeta` gewwa Haz Zabbar lill-kumpannija USL Services Limited, rapprezentata minn Silvio Demicoli. Dan il-konvenju gie konkluz fil-21 ta' Novembru 2005 (Dok. RM1[2]) u l-ftehim kien illi l-prezz, li gie stabbilit fis-somma ta' Lm65,000 jithallas kollu fi zmien sitt xhur mid-data tal-konvenju, f'liema terminu kellu jigi wkoll ippubblikat l-att finali tal-bejgh. Il-partijiet ftiehmu fuq l-istess konvenju illi l-bejgh kellu jsir taht numru ta' kondizzjonijiet ohrajn, fosthom li r-ricerki dwar it-titolu tal-

[2] Fol. 114.

bejjiegh, l-imputat odjern, fuq il-fond in vendita kellhom ikunu lesti u li t-titolu jkun tajjeb.

Mir-ricerki notarili li gew kondotti waqt it-terminu ta' validita` tal-konvenju u qabel il-pubblikazzjoni tal-kuntratt tal-bejgh, irrizulta li l-imputat kien irregistra diversi ipoteki fuq il-fond in vendita : tlieta minn dawn l-ipoteki gew ikkancellati qabel gie ppubblikat l-att finali tal-bejgh billi l-kredituri ipotekarji thallsu parti mill-prezz tal-bejgh tal-fond[3] u l-ammont relattiv tnaqqas mill-prezz dovut lill-imputat bhala l-bejjiegh. Izda sussegwentement irrizulta li kien ghad hemm zewg ipoteki[4] ohrajn iskritti fuq il-fond li kienu ghadhom mhux kancellati. Mill-provi jirrizulta illi l-ammont dovut mill-imputat lil dawn iz-zewg kredituri ipotekarji kien jeccedi l-prezz pattwit ghall-bejgh tal-fond in vendita u konsegwentement, ix-xerrej ma kienx dispost ihallas ukoll lil dawn il-kredituri ipotekarji u jnaqqas l-ammont relattiv mill-prezz tal-bejgh bhalma kien diga` ghamel fil-kaz ta' whud mill-ipoteki l-ohrajn li kienu rrizultaw mir-ricerki[5].

Il-kuntratt ta' bejgh tal-fond in dizamina gie pubblikat fid-19 ta' Gunju 2006 fl-atti tan-Nutar Robert John Muscat[6] u f'dan il-kuntratt il-partijiet[7] kienu ftiehmu hekk dwar il-hlas tal-bilanc tal-prezz tal-bejgh u z-zewg ipoteki specjali gravanti l-fond in vendita, liema ipoteki kienu ghadhom veljanti:-

« *... l-bilanc ta' sbatax-il elf erba' mija u hamsin Lira (Lm17,450) jithallas meta jigu kancellati l-ipoteki hawn taht imsemmija.* »

Ghalkemm fl-istess kuntratt gie dikjarat illi l-bejjiegh kien qed jiggarantixxi li l-proprjeta` mibjugha hija libera minn kull dritt rejali u/jew personali favur terzi, inkluzi

---

[3] Ara Dok. RM2 (Kancellament 970/2006, Kancellament Numru 283/2006 u Kancellament Numru 780/2006)
[4] Bin-Numru tal-Iskrizzjoni 19646/04 u 2935/05.
[5] Ara fol. 116 sa fol. 119.
[6] Dok. RM3, fol. 120 *et seq*.

[7] Il-fond gie akkwistat fuq il-kuntratt ta' bejgh minn zewg xerrejja: il-kumpannija USL Services Limited, rapprezentata minn Silvio Demicoli, u minn Christopher Sammut.

djun, ipoteki u/jew privileggi[8], iktar 'il quddiem fl-istess kuntratt, giet registrata s-segwenti dikjarazzjoni :-

« *Ghal kull fini u effett ix-xerrejja jiddikjaraw illi gew avzati min-Nutar li qed jippubblika dan l-att illi hemm zewg ipoteki veljanti fuq il-proprjeta`, numri H19646/2004 u H2932/2005. Ix-xerrejja jiddikjaraw li jafu l-ammont taghhom u li jista' jkun hemm xi interessi fuq l-ammonti msemmija. Huma jiddikjaraw illi jafu u jaccettaw li l-istess Nutar aggorna r-ricerki sal-hdax ta' Gunju 2006, skond l-ahhar ricerki possibbli mill-Gvern Centrali u li ghamel ukoll on-line search dal-ghodu stess fejn irrizulta li mhemmx ipoteki oltre dawk imsemmija.*

*Ghal dan il-ghan, il-partijiet jaqblu li meta jigu biex jigu mhallsin il-bilanci dovuti, ix-xerrejja jhallsu sa massimu ta' sbatax-il elf erba' mija u hamsin lira (Lm17,450), liema somma tirrapprezenta l-bilanc li ghad baqa' x'jithallas mill-prezz tal-bejgh tal-proprjeta` msemmija. Il-bejjiegh qed jobbliga ruhu li jressaq lill-kredituri ghall-kancellament ta' dawn l-ipoteki fi zmien xaharejn mil-lum. L-imghaxijiet li jistghu jkunu dovuti mill-bejjiegh fuq l-ipoteki msemmija, jibqghu a kariku tal-bejjiegh. Jekk ix-xerrejja jhallsu iktar mis-somma li baqa' x'tithallas, lill-kredituri, jibdew jiddekorru l-imghaxijiet favur ix-xerrejja fuq tali somma addizzjonali. Il-bejjiegh jaccetta li jiffirma kambjali, jekk mitlub.* »

Mill-atti jirrizulta illi filwaqt illi sussegwentement ghall-pubblikazzjoni tal-kuntratt ta' kompravendita, l-ipoteka bl-iskrizzjoni numru 2932/2005 giet effettivament kancellata[9], l-iskrizzjoni ipotekarja bin-numru 19646/2004 registrata favur certu Emanuel Desira kwantu ghal kreditu fis-somma ta' Lm5,600, baqghet veljanti bil-konsegwenza illi, kif xehed Christopher Sammut, wiehed mix-xerrejja, huma ma setghu jaghmlu xejn bil-proprjeta` li akkwistaw minghand l-imputat u l-fond ma setax jinbiegh lanqas[10]. Dan wassal sabiex l-imputat jitressaq quddiem il-Qorti mixli bir-reat ta' frodi.

---

[8] Ara fol. 121.
[9] Ara Kancellament 4575/2007 ippubblikat fl-atti tan-Nutar Nicholas Briffa, fol. 127 *et seq*.
[10] Ara xhieda fol. 72.

Ikkunsidrat ;

Qabel xejn, ikun opportun illi jigi stabbilit x'inhuma l-elementi li jsawru r-reat ta' frodi jew truffa li jinsab mixli bih l-imputat, sabiex imbaghad jigi determinat jekk dawn isibux riskontru fil-fattispecje tal-kaz odjern.

Fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Marjanu Zahra**[11] inghad illi:-

*"Biex jissussti ir-reat tal-frodi jew truffa gie ritenut kostantement fil-gurisprudenza u fis-sentenzi tal-qrati taghna illi iridu jinkonkorru diversi elementi. Ibda biex irid ikun hemm ness bejn is-suggett attiv u is-suggett passiv tar-reat u cioe' bejn minn qieghed jikkommetti ir-reat u il-vittma. Hemm imbaghad l-element materjali ta' dana ir-reat u cioe'* ***l-uzu ta' ingann jew raggieri li iwasslu lil vittma sabiex isofri it-telf patrimonjali****. Finalment huwa necessarju li ikun hemm l-element formali tar-reat konsistenti* ***fid-dolo jew fl-intenzjoni tat-truffatur jew frodatur li jinganna u dana sabiex jikseb profitt jew vantagg ghalih innifsu****. Jekk xi wiehed jew iktar minn dawn l-elementi huma nieqsa, allura ir-reat tat-truffa ma jistax jisussisti.* [emfasi ta' din il-Qorti]

Fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Anthony Fountain et**[12] gie ritenut in propositu tal-element tal-ingann mehtieg *inter alia* ghar-reat prospettat mill-Artikolu 308 tal-Kap. 9, illi:-

*"Fil-Ligi taghna biex ikun hemm it-truffa jew il-frodi innominata* ***irid ikun gie perpetrat mill-agent xi forma ta' ingann jew qerq, liema ingann jew qerq ikun wassal lill-vittma sabiex taghmel jew tonqos milli taghmel xi haga li ggibilha telf patrimonjali bil-konsegwenti qliegh ghall-agent*** *... jekk l-ingann jew qerq ikun jikkonsisti f'raggiri jew artifizi - dak li fid-dottrina jissejjah ukoll mis-en-scene - ikun hemm it-truffa; jekk le*

[11] Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali deciza fit-2 ta' Marzu, 2011
[12] Deciza minn din il-Qorti diversament preseduta fil-15 ta' Dicembru, 2011 (Numru: 688/2009)

*ikun hemm hemm ir-reat minuri ta' frodi innominata (jew lukru frawdolenti innominat).*[13]

Ikkunsidrat;

Applikat dan l-insenjament ghall-fatti tal-kaz odjern, il-Qorti minnufih tosserva illi l-prosekuzzjoni ma gabet ebda prova kwalsiasi biex turi kif l-imputat qarraq bix-xerrejja biex jakkwistaw il-fond di proprjeta` tieghu. Ghall-kuntrarju, il-provi juru illi mir-ricerki li saru in segwitu ghall-konvenju biex jigi stabbilit jekk it-titolu tal-imputat fuq il-fond huwiex tajjeb u kollox jinstab in ordni – kif del resto gie pattwit fil-konvenju bhala wahda mill-kondizzjonijiet tal-bejgh - irrizulta li kien hemm diversi ipoteki specjali iskritti fuq il-fond in vendita liema ipoteki naturalment, kellhom jigu kancellati sabiex il-fond jista' jigi trasferit lix-xerrejja bhala hielsa minn kull piz ipotekarju. Filwaqt li kif gie stabbilit mill-provi, uhud mill-ipoteki gew effettivament ikkancellati qabel il-pubblikazzjoni tal-kuntratt ta' bejgh u dan billi x-xerrejja hallsu huma stess lill-kredituri ipotekarji u naqsu l-ammont relattiv mill-bilanc tal-prezz pattwit fil-konvenju, ricerki ulterjuri zvelaw zewg ipoteki specjali ohrajn iskritti fuq il-fond in vendita b'zieda ma'dawk li kienu diga` gew kancellati bil-hlas preventiv mix-xerrejja ta' parti mill-prezz tal-bejgh.

Mill-provi l-Qorti fehmet li dawn iz-zewg ipoteki ulterjuri ma kienux irrizultaw mill-ewwel sett ta' ricerki li saru min-Nutar inkarigat mix-xerrejja u fehmet ukoll illi dawn il-krediti ipotekarji ulterjuri kienu jeccedu, kumulattivament, il-prezz tal-bejgh pattwit. Madanakollu, huwa wkoll minnu illi x-xerrejja kienu konsapevoli dwar dan id-dejn ipotekarju gravanti l-fond **qabel** gie pubblikat il-kuntratt tal-komprovendita u minkejja dan, huma ghazlu li jipprocedu bl-atti finali tal-bejgh u zammew ukoll il-hlas tas-somma ta' Lm17,450 mill-prezz pattwit sakemm dawn l-ipoteki jithassru. Kemm hu hekk,

[13] Enfasi ta' din il-qorti. Vide wkoll: **Pulizija ve Carmela German** Appell Kriminali deciz 30 ta' Dicembru 2004 u l-gurisprudenza hemm kwotata. (Din ir-referenza insab fin-nota ta' qiegh il-pagna enumerata sebgha (7) fis-sentenza citata)

jirrizulta illi l-kontraenti ftiehmu espressament fl-istess kuntratt ta' bejgh[14] dwar l-obbligu tal-pagament ta' dawn il-kredituri ipotekarji u l-kancellament tal-ipoteki relattivi. Barra minn hekk, Christopher Sammut fix-xhieda tieghu jaqbel illi huwa kien jaf meta xtara il-fond, illi l-fond kien milqut b'dejn ipotekarju[15]. Mistqosi meta induna li kien hemm ipoteka specjali ohra fuq il-fond, qal "*meta wasalna fl-ahhar biex naghlqu l-kuntratt … kien qabel, u zgur.* » Kompla jispjega illi ghalkemm ix-xerrejja kienu jafu bl-ezistenza ta' dawn l-ipoteki ulterjuri gravanti l-fond huma ddecidew li jkomplu bil-process ghall-akkwist tal-fond xorta wahda, ghaliex l-imputat « *ma kellux flus biex itihomlna lura biex jinhall in-negozju. Jekk ahna konna ga hallasna tliet kwarti mill-ipoteki li kien hemm.* »

Hawnhekk ghandu jigi osservat illi ghalkemm Christopher Sammut fix-xhieda tieghu[16] sostna illi l-imputat kien issellef ammont ulterjuri fuq il-fond in vendita fl-intervall bejn il-konvenju u l-kuntratt minghand Emanuel Desira, il-Qorti wara li ezaminat bir-reqqa l-provi, tqis illi din l-allegazzjoni ma gietx sostanzjata mix-xhieda u d-dokumenti formanti parti mill-atti. Ghall-kuntrarju, mill-provi mhux biss jirrizulta illi kien hemm biss zewg ipoteki specjali li kienu iskritti fuq il-fond in vendita u li ma gewx ikkancellati qabel il-pubblikazzjoni tal-kuntratt ta' bejgh, izda jirrizulta wkoll li **dawn iz-zewg iskrizzjonijiet ipotekarji kienu gew entrambi registrati tabilhaqq qabel id-data tal-konvenju konkluz bejn il-partijiet fil-21 ta' Novembru 2005**[17].

Il-fatt li in segwitu ghall-konvenju giet stabbilita l-ezistenza ta' diversi iskrizzjonijiet ipotekarji li jolqtu l-fond in vendita, hija f'kull kaz konsegwenza prevedibbli tar-ricerki notarili li geew kondotti biex jigi stabbilit jekk il-fond jistax jigi trasferit lix-xerrejja

---

[14] Dok. RM3.

[15] Ara xhieda tas-26 ta' Novembru 2016.

[16] Fol. 68. Silvio Demicoli xehed hekk fir-rigward:- *Sa dan it-tant, u mbaghad* ***jekk mhux sejjer zball****, Nicholas Farrugia qalilna li sa dan it-tant, mar ghamel ipoteka ohra mal-istess Emanuel Desira … ta' xi telattax jew sittax-il elf lira Maltin (Lm13,000/Lm16,000)* » Xhieda tat-3 ta' Awwissu 2016.

[17] L-iskrizzjoni ipotekarja bin-nurmu 2935/2005 giet registrata fil-1.2.2005 (fol. 127) filwaqt li l-iskrizzjoni ipotekarja registrata favur Emanuel Desira giet hekk registrata f'Ottubru 2004 (fol. 125).

bhala liberu u hieles minn kull dritt rejali jew personali favur terzi, kif del resto pattwit fil-konvenju. Il-Qorti ma riskontrat fl-atti l-ebda prova la ta' xi dikjarazzjoni da parti tal-imputat illi l-fond ma kienx milqut b'iskrizzjonijiet ipotekarji, drittijiet immobiljari jew pizijiet ohrajn, jew li kien milqut biss minn certi pizijiet izda mhux minn ohrajn, wisq inqas xi prova li x-xerrejja gew indotti biex jixtru l-fond minghandu specifikatament minhabba jew abbazi ta' dikjarazzjoni bhal din jew artifizji ohrajn simili impjegati mill-imputat. Fuq kollox, kif diga' ngħad, ma giex ippruvat sodifacjentement illi l-imputat issellef minghand Emanuel Desira ammont ulterjuri wara l-konkluzjoni tal-konvenut ma' USL Services Limited.

Kif jirrizulta mill-ftehim konkluz u registrat fil-kuntratt ta' bejgh innifsu, riprodott *verbatim* iktar qabel, il-kwistjoni dwar l-iskrizzjonijiet ipotekarji li baqghu ma gewx kancellati qabel l-att finali tal-bejgh tal-fond, giet indirizzata specifikatament mill-kontraenti billi l-imputat intrabat li jissalda d-debiti ipotekarji in kwistjoni u jikseb il-kancellament tal-iskrizzjonijiet ipotekarji relattivi[18], fi zmien xaharejn mill-pubblikazzjoni tal-kuntratt tal-bejgh. Gie miftiehem ukoll li x-xerrejja jistghu jaghzlu li jhallsu d-debitu relattiv huma stess sabiex jiksbu l-kancellament tal-iskrizzjoni ipotekarja, f'liema kaz il-ftehim kien illi jkun dovut mill-imputat qua bejjiegh, imghax fuq dik is-somma hekk imhallsa mix-xerrejja li tkun teccedi l-bilanc tal-prezz tal-bejgh fis-somma ta' Lm17,450.

Ġara izda, illi filwaqt illi l-iskrizzjoni ipotekarja bin-numru 2932/2005 giet kancellata kif pattwit mill-partijiet kontraenti in segwitu ghall-kuntratt ta' bejgh, l-iskrizzjoni ipotekarja bin-numru 19646/2004 baqghet ma gietx kancellata mill-imputat skont il-patt kontrattwali fuq citat. Peress li x-xerrejja kienu diga` hallsu l-bilanc tal-prezz tal-bejgh fis-somma ta' Lm17,450 lill-kredituri ipotekarji Colin u Tanya konjugi Farrugia ghall-kancellament tal-iskrizzjoni ipotekarja bin-Numru 2935/2005, huma ma kienux accettaw li jhallsu wkoll biex jinkiseb il-kancellament tal-ipoteka specjali bl-iskrizzjoni numru 19646/2004.

---

[18] Bin-Numri 2932/2005 u 19646/04.

Dan stabbilit, u stabbilit ukoll illi mill-provi jirrizulta li l-imputat seta' naqas mill-obbligi civili tieghu kif pattwiti fil-kuntratt ghaliex effettivament, huwa ma kisibx il-kancellament tal-ahhar ipoteka entro t-terminu pattwit fil-kuntratt tal-bejgh, dan ma jfissirx li l-imputat qarraq bix-xerrejja u inducihom jakkwistaw il-fond b'effett ta' xi ingann jew bl-uzu ta' qerq. Kif inghad, ix-xerrejja kienu ben konxji tal-ezistenza tal-ipoteki ulterjuri gravanti l-fond u kienu wkoll konsapevoli, ferm qabel il-pubblikazzjoni tal-kuntratt finali, illi l-ammont kumulattiv tad-dejn ipotekajru pendenti, kien jeccedi l-bilanc tal-prezz pattwit li kien dovut lill-imputat ghall-bejgh. Il-fatt illi x-xerrejja ghazlu li jipprocedu bl-akkwist tal-fond f'dawn ic-cirkostanzi maghrufin lilhom, u l-fatt illi ma kienx vijabbli jew fattibbli ghalihom li jhassru l-bejgh prospettat ghaliex l-imputat seta' ma kellux il-finanzi mehtiega biex irodd lura l-ammonti mhallsin mix-xerrejja preventivament (inkluz ghall-kancellament ta' iskrizzjonijiet ipotekarji fuq il-fond), ma jikkostitwixxux, wahedhom, l-ingann jew il-qerq mehtieg ghall-prova tar-reat taht l-Artikolu 308 tal-Kap. 9.

Kif rajna, wiehed mill-elementi kostituttivi tar-reat in dizamina huwa l-ingann permezz tal-uzu ta' mezzi, artifizzju jew raggiri mill-agent. Dak li jikkostitwixxi "*raggiri*" u "*artifizji*" mehtiega ghar-reat ta' truffa, huwa ben stabbilit fil-gurisprudenza.

Dwar l-artifizji, il-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza taghha fl-ismijiet **Il-Pulizija v Carmelo Cassar Parnis** moghtija fil-31 ta' Ottubru, 1959, fissret illi:-

*"Ghar-reati ta' truffa kontemplat fl-artikolu 322*[19] *tal-Kodici Kriminali kif jidher mid-dicitura partikolari deskrittiva adoperata hemm bzonn li tirrizulta materjalita' specifika li sservi ta' supstrat ghal verosimiljanza tal- falsita' prospettata bhala vera u b'hekk bhala mezz ta' qerq. Ma huwiex bizzejjed ghal finijiet ta' dak l-artikolu, affermazzjonijiet luzingi, promessi,* ***minghajr l-uzu ta' apparat estern li jirrivesti bi kredibilita' l-affermazzjonijiet menzonjeri tal-frodatur****"*. [enfasi ta' din il-qorti]

[19] Illum l-Artikolu 308.

Fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija versus George Manicolo**[20], gie kkunsidrat li:

*"Illi l-ġurisprudenza nostrali dejjem kienet illi sabiex jissussisti r-reat ta' truffa mhix biżżejjed is-sempliċi gidba, il-kliem menzjonier, izda hu neċessarju u essenzjali li jkun hemm ukoll* ***l-apparat estern li jagħti fidi u kredibilita' lil dik il-gidba****. Dan l-att estern jista' jiehu diversi forom, kultant anke att teatrali. Irid ikun att, jew atti, li jimpressjonaw bniedem ta' intelligenza u prudenza ordinarja u normali, għandhom ikunu atti frawdolenti li neċessarjament iqajmu sentimenti kif indikat fl-artikolu 308 tal-Kap. 9. Irrid ikun* ***hemm il-messa in xena*** *u ghalhekk, kif intqal, il-gideb waħedhom mhumiex suffiċjenti. Iridu jkunu atti, inkluż kliem ħelu u perswassiv, li jwasslu lil xi ħadd jemmen l-eżistenza ta' xi ħaġa msemmija mil-frodatur, liema ħaġa, in realta', ma teżistix. Minbarra l-gideb ghalhekk, irid ikun hemm* ***l-ingann, ir-raġġiri jew is-simulazzjoni li jwasslu sabiex il-vittma jemmen jew ikollu fidi f'dak li qed jiġi lilu mwiegħed mill-frodatur****.* (emfasi ta' din il-Qorti)

Gie ritenut ukoll illi:-

"*Il-Ligi taghna ma tirrikjediex li l-messa in xena, cioe` dawk l-artifizji jew raggiri, ikunu xi haga kkumplikata jew arkittetta b'hafna pjanijiet'*.[21]

Fil-fehma tal-Qorti, dan l-element tal-messa in xena u l-uzu ta' raggiri jew artifizzji li kellhom isawru l-perswazjoni fix-xerrejja biex jakkwistaw il-fond tal-imputat, huwa kompletament mankanti. Tosserva wkoll illi jekk l-allegat ingann kellu jinsab biss fl-inademjenza tal-imputat li jissodisfa l-obbligu li l-iskrizzjonijiet ipotekarji pendenti jigu kancellati entro terminu stipolat wara l-kuntratt tal-bejgh, dan wahdu ma jista' qatt jammonta ghal qerq wisq inqas jista' jammonta ghall-messa in xena li jenhtieg bhala wiehed mill-elementi kostittuttivi ta' dan ir-reat. Kif gia` nghad, ghall-Qorti setghet forsi tigi prospettata messa in xena f'dan il-kaz kieku gie ppruvat li l-imputat wera b'atti

[20] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-31 ta' Lulju, 1998
[21] **Pulizija vs Emanuel Ellul** deciza 20 ta' Gunju 1997, Qorti tal-Appell Kriminali.

esterni foloz jew fabbrikati illi l-fond ma kien milqut bl-ebda dejn ipotekarju jew li kien milqut biss b'dejn ipotekarju li ma jeccedix il-prezz pattwit ghall-bejgh tal-fond **u** x-xerrejja accettaw li jikkonkludu l-kuntratt tal-bejgh tal-fond abbazi tal-manifestazzjoni ta' xi rassigurazzjoni bhal din. Izda mkien ma gie riskontrat fl-atti xi prova li l-imputat ghamel xi haga li induciet lix-xerrejja jixtru l-fond ghaliex gieghlhom jemmnu li l-fond kien hieles minn djun jew pizijiet ulterjuri.

Fattwalment, l-Qorti ma rriskontrat ebda evidenza, wisq anqas prova konkreta, li tikkonvinciha li l-imputat iffabrika xi stat ta' fatt dwar l-ipoteki specjali gravanti l-fond jew illi l-imputat b'xi att estern ikkonvinca lill-kwerelanti li jakkwistaw il-fond abbazi ta' xi premessa ohra li sussegwentement jirrizulta li hija falza. L-iskrizzjonijiet ipotekarji gravanti l-fond in vendita irrizultaw kollha kemm huma mir-ricerki notarali li jigu ordinarjament kondotti preordinatament ghall-pubblikazzjoni tal-att finali tal-bejgh u **l-fatt illi l-ezistenza taz-zewg iskrizzjonijiet ipotekarji ulterjuri setghet giet a konoxxenza tax-xerrejja meta kien tard wisq biex jirtiraw mill-bejgh u dan minhabba xi zvista jew zball tan-Nutar inkarigat mix-xerrejja nfushom, zgur li ma jikkostitwixxix prova ta' ingann da parti tal-imputat**. Effettivament, il-provi jeskludu b'mod assolut li l-akkwist tal-fond mix-xerrejja sar minhabba xi ingann jew raggiri adoperati mill-imputat.

Inoltre, kif gia` stabbilit, l-allegazzjoni li giet iskritta ipoteka specjali ulterjuri fuq il-fond favur terzi fl-intervall bejn il-konvenju u l-kuntratt minhabba l-kontrattazzjoni da parti tal-imputat ta' debiti ulterjuri, m'hijiex sorretta mill-provi tal-prosekuzzjoni li, fir-rigward, huma ferm skarsi. F'kull kaz, jibqa' l-fatt illi filwaqt li x-xerrejja qatt ma kienu kostretti jakkwistaw il-fond, il-fatt li t-thassir tal-konvenju seta' ma kienx fattibbli mil-lat finanzjarju, jista' jaghti lok ghal obbligi ta' natura civili izda zgur mhux ukoll ghal htija kriminali fl-imputat ghar-reat ta' truffa.

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti tqis illi fin-nuqqas ta' prova dwar dan l-element essenzjali tat-truffa, l-imputat ma jistax jinstab hati ta' dan ir-reat, u konsegwentement,

mhux mehtieg li tkompli tindaga dwar l-elementi l-ohrajn mehtiega ghal sejbien ta' htija ghar-reat taht l-Artikolu 308 tal-Kap. 9.

Ikkunsidrat ;

Fin-nota tieghu tar-rinviju ghall-gudizzju, l-Avukat Generali indika wkoll l-Artikolu 309 tal-Kap. 9 li jipprospetta r-reat ta' frodi innominata[22] :-

*Kull min, bi ħsara ta' ħaddieħor, jagħmel xi qligħ ieħor b'qerq, mhux imsemmi fl-artikoli ta' qabel ta' dan is-Sub-titolu,jeħel, meta jinsab ħati, il-piena tkun ta' priġunerija minn xahrejn sa sentejn jew il-multa.*

Dan seta' ghamlu ghaliex ghalkemm l-imputat ma giex mixli specifikatament b'dan ir-reat fic-citazzjoni, il-Qorti tqis li huwa evidenti anke mid-dispost tal-Artikolu 309 illi dan ir-reat huwa wiehed **minuri li huwa kompriz fir-reat iktar gravi tat-truffa taht l-Artikolu 308 tal-Kap. 9**.

Kif ritenut in propositu mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Peter Borg** moghtija fl-10 ta' Novembru 2005:-

*"Illi ma hemmx dubju li r-rinviju ghall-gudizzju li jaghmel l-Avukat Generali ghandu jitqies bhallikieku hu att ta' l-akkuza, u hekk kif fuq att ta' akkuza, skond l-artikolu 467 (4) il-guri (jew il-Qorti) tista' ssib htija ta' reat jew reati izghar, basta li dan jew dawn ir-reati jkunu komprizi w involuti f' xi parti ta' l-att tal-akkuza, hekk ukoll il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tista' ma ssibx htija skond l-artikoli ndikati fir-rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali imma ssib htija ta' reat jew reati minuri komprizi u involuti. Dan ghaliex ir-regoli imsemmija fis-subartikoli (2) u (4) tal-artikolu 467 tal-Kodici Kriminali gew dejjem ritenuti lli japplikaw ghall-Qrati ta' Gustizzja Kriminali kollha."*

[22] Kazijiet ohra ta' qligh b'qerq – noti marginali.

Kwantu ghar-reat taht l-Artikolu 309, jinsab ritenut illi dan:-

*"... jikkontempla ir-reat minuri tal-frodi innominat. Illi ghar-rigward ta' dana ir-reat, ghalkemm l-element tar-"raggiri" jew l-"artifizji", huwa nieqes u allura anke gidba semplici hija bizzejjed ghal kummissjoni ta' dana ir-reat, izda dana irid bil-fors iwassal sabiex il-vittma u cioe' is-suggett passiv ta' dana ir-reat isofri xi telf patrimonjali.*[23]

Kif gie deciz fis-sentenza **Il-Pulizija vs Carmela German**[24]:-

*"Kwantu ghal kwistjoni jekk il-gidba semplici – a differenza ta' l-artifizji u raggiri – tistax tammonta ossia twassal ghar-reat ta' frodi innominata, ir-risposta hija certament fl-affermattiv,* ***basta li tali gidba tkun effettivament tammonta ghal qerq****, cioe' intiza jew preordinata sabiex il-persuna l-ohra (il-vittma) taghmel jew tonqos milli taghmel xi haga li ggibilha telf patrimonjali bil-konsegwenti arrikkiment ghal min jghid dik il-gidba* ***u basta, s'intendi li tkun effettivament waslet ghal dana it-telf min-naha u arrikkiment min-naha l-ohra."*** (emfasi ta' din il-Qorti)

Il-Qorti tirribadixxi illi fil-kaz in dizamina, ma tirravviza la messa in xena u lanqas gidba li tammonta ghal qerq da parti tal-imputat. Ix-xerrejja mkien ma xehdu li l-imputat kien qalilhom jew ddikjara jew wera b'xi mod illi l-fond in vendita ma kienx milqut minn pizijiet jew drittijiet immobiljari favur terzi : ghall-kuntrarju, Silvio Demicoli xehed « *xtrajniha u konna nafu li hemm xi ipoteki fuqha.* » Qal ukoll illi « *Pero mbaghad fl-ahhar harget din wahda li n-Nutar ma kienx qalilna biha.* » Jippreciza izda, li huwa kien jaf b'din l-ipoteka qabel il-kuntratt[25].

[23] **Il-Pulizija vs Joseph Incorvaja**, deciza minn din il-qorti diversament preseduta fis-27 ta' Gunju, 2011.
[24] Appell Kriminali – deciz fit-30 ta' Dicembru, 2004.
[25] Ara xhieda ta' Silvio Demicoli tat-3 ta' Awwissu 2016.

Mix-xhieda ta' Silvio Demicoli l-Qorti fehmet illi x-xhud addebita t-tort ghall-fatt illi ma kienx infurmat b'din l-ipoteka ulterjuri, lin-Nutar Robert John Muscat anzicche' lill-imputat. Hu xehed hekk :-

« *Sa dan it-tant Nicholas Farrugia, ta' sikwit kien jitlobna xi pagament biex ikollu biex ihallas lill-haddiema, ahna dejjem konna ncemplu lin-Nutar Robert John Muscat biex naraw jekk ahniex over. U nohorgu pagamenti "iva, iva, mhux problema, aghtih pagament, no problem". ... Qabel il-kuntratt. U dejjem qalilna "Aghtih no problem". Kif harget din l-ipoteka ta' Manuel Desira, n-Nutar qal li ahna konna nafu. Kieku konna nafu, konna nhallsuh bhal ma hallasna ipoteki ohra. U ma konniex nohorgu pagamenti. Ghax inkella nkunu minn taht.* [26]

Minn dan kollu, il-Qorti fehmet illi filwaqt li skont ix-xerrejja kien in-Nutar li naqas milli jgharrafhom tempestivament bl-ipoteka specjali iskritta a favur Emanuel Desira, ghal dak li jikkoncerna l-imputat innifsu, ix-xerrejja xehdu li huwa kien effettivament gharrafhom bl-iskrizzjoni ta' ipoteka ulterjuri a favur l-istess Emanuel Desira fl-intervall bejn il-konvenju u l-kuntratt finali tal-bejgh. Il-Qorti diga` stabbiliet illi oltre l-iskrizzjoni ipotekarja bin-numru 19646/2004, l-ebda ipoteka ulterjuri registrata a favur ta' Emanuel Desira ma jirrizulta mill-provi dokumentarji esebiti fl-atti jew mix-xhieda tan-Nutar Robert John Muscat. Fi kwalsiasi kaz, m'hemm l-ebda prova konklussiva li l-imputat kien naqas milli jaghti t-taghrif mehtieg lix-xerrejja dwar l-istat tal-ipoteki gravanti l-fond in vendita : ghall-kuntrarju, skont Silvio Demicoli, kien proprju l-imputat stess li kien gharrafhom bl-ezistenza tal-ipoteka iskritta favur Emanuel Desira. Jekk kien hemm xi nuqqas fil-korrettezza tat-taghrif li gie moghti lix-xerrejja u li abbazi tieghu huma komplew javvanzaw fondi lill-imputat fl-intervall bejn il-konvenju u l-kuntratt finali b'mod li hallsu iktar minn dak li kellhom ihallsu kwantu ghall-prezz tal-akkwist tal-fond, il-Qorti fehmet li dan in-nuqqas ma kienx attribwibbli lill-imputat.

[26] Fol. 39 *et seq*.

Ghaldaqstant, huwa nieqes l-element essenzjali kostitutiv tar-reat taht l-Artikolu 309 tal-Kap. 9, konsistenti fil-gidba jew luzingi jew promessi da parti tal-imputat li wasslu lix-xerrejja jbatu telf patrimonjali. Mill-kumpless tal-provi l-Qorti ma hija xejn konvinta li l-imputat ghamel xi affermazzjoni falza jew agixxa b'xi mod u bil-hsieb li jinganna lill-kwerelanti. Barra minn hekk, il-fatt illi seta' (ghalkemm mhux ippruvat) ikkontratta dejn ulterjuri fl-intervall bejn il-konvenju u l-kuntratt[27], m'huwiex prova ta' qerq meta m'huwiex ippruvat illi dan id-dejn ulterjuri gie kontrattat bil-hsieb li jqarraq bix-xerrejja. Fi kwalsiasi kaz, kif ampjament stabbilit mill-provi, jibqa' l-fatt li x-xerrejja ghazlu volontarjament li jakkwistaw il-fond kif milqut biz-zewg iskrizzjonijiet ipotekarji minghajr ma kienu obbligati li jaghmlu dan.

Ghaldaqstant, il-qerq mahsub mill-Artikolu 309 tal-Kap. 9 m'huwiex ippruvat u l-imputat ma jistax jinstab hati tar-reat in dizamina.

Ikkunsidrat ;

Illi in konkluzjoni, u ghall-kompletezza, il-Qorti ma tistax ma tosservax illi l-proceduri f'din il-kawza damu jkarkru ghal xejn inqas minn hdax-il sena. Biss biss, ghaddew sitt snin shah mill-prezentata tac-Citazzjoni[28] sakemm l-akkuzi nqraw bil-gurament tal-Ufficjal Prosekutur u sar l-ezami tal-imputat a tenur tal-Artikolu 392 tal-Kap. 9 fis-seduta tat-3 ta' Awwissu 2016, u bdew jitressqu l-provi tal-Prosekuzzjoni. Mill-atti jirrizulta li l-kawza ta' dan kien in-nuqqas ripetut tal-Ufficjal Prosekutur li jidher quddiem il-Qorti kif ukoll, in parti, in-nuqqas ta' dehra tal-imputat. Imbaghad, il-Prosekuzzjoni damet erba' snin ohra biex tressaq il-provi taghha bil-konsegwenza li fil-mori tal-procediment, miet ix-xhud Emanuel Desira li baqa' ma xehedx dwar il-krediti dovuti lilu mill-imputat u meta dawn id-debiti gew kontrattati. Huwa wkoll nieqes mill-provi u l-atti xi stqarrija li x'aktarx tkun giet rilaxxata mill-imputat waqt l-

[27] Fi kwalsiasi kaz, ma jirrizultax li gie iskritt l-ebda ipoteka specjali fuq il-fond b'rabta ma' dan l-allegat dejn jew li dan id-dejn kien ta' xkiel ghall-bejgh tal-fond.

[28] Fid-29 ta' Novembru 2010.

interrogazzjoni tieghu, kif ukoll ix-xhieda tal-Ufficjal Prosekutur innifsu dwar l-investigazzjonijiet li kkonduca b'rabta mal-kwerela li mix-xhieda jirrizulta li saret mix-xerrejja Christopher Sammut u USL Services Limited (izda baqghet ma gietx esebita) u dwar ir-rizultanzi ta' dawn l-investigazzjonijiet. Ghall-Qorti dan kollu jfisser illi l-prosekuzzjoni ta' din l-azzjoni kriminali giet immexxija b'mod ferm traskurat u b'dewmien esagerat u inaccettabbli kif ukoll bi hsara ghall-interess tal-ahjar amministrazzjoni tal-gustizzja.

Finalment, il-Qorti tosserva illi d-dokumenti mmarkati bhala Dok. IA1 u Dok. IA2 li jinsabu inseriti a fol. 25 sa 29 tal-atti, ma ghandhomx x'jaqsmu xejn ma' din il-kawza u huwa evidenti li gew inseriti bi zball. Ghaldaqstant qieghda tordna l-isfilz ta' dawn id-dokumenti mill-atti.

**Ghal dawn il-motivi kollha, il-Qorti ma ssibx lil NICOLA FARRUGIA hati tal-imputazzjoni migjuba kontrih u qieghda tilliberah minn kull htija u piena.**

**DR. RACHEL MONTEBELLO**
**MAGISTRAT.**